MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Numru. 476/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Margaret Hili mart Michael u bint Francis Attard u MaryAnne nee' Cassar imwielda fil-11 ta' Novembru 1969 u residenti fil-fond Barumbara, Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 26469(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmija Margaret Hili li giet akkuzata talli nhar id-19 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' 03.55hrs u nhar it-28 ta' Gunju 2008 u fi granet ohra bhala detentur tal-licenzja ta'l-istabbiliment Ta' Cenc Discount Store li jinsab fi Triq Ta' Cenc Sannat, Ghawdex:-

1. bil-lejl kisret il-mistrieh ta’ Raymond Spiteri bi hsejjes jew mod iehor.
2. iggestiet attivita kummercjali fl-imsemmi post b’tali mod li kienet ta’ sikkatura ghan-nies ta’ madwar u dana permezz ta’ hsejjes li hargu mill-imsemmi post.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fl-atti processwali jirrizulta illi l-unika prova li hemm huma l-affidavit ta’ PS1233 John Attard u zewg okkorenzi liema surgent investiga dana l-kaz. Ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti. Dana x’aktarx sehh ghaliex dina l-kawza kienet qed tistenna l-ezitu ta’ kawzi ohra simili pendenti quddiem dina l-Qorti li llum ukoll gew decizi. Madanakollu fir-rigward ta’ dina l-kawza ma hemm l-ebda verbal fejn il-partijiet qed jaqblu illi x-xhieda li nstemghet f’dawk il-kawzi ghandha wkoll tghodd ghal dina l-kawza.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ nuqqas ta’ provi l-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------